**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Marzu, 2015**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Pasquale Repaci**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Pasquale Repaci ta' 37 sena bin Francesco u Grazia xebba Rosetti mwieled Reggio Calabria fit-3 t' April, 1977, resident gewwa Via Vittorio Emanuele, No 2, Fiumara, Reggio Calabria u detentur tal-karta tal-identita Taljana bin-numru AT4992025.

Akkuzat talli fis-16 ta' Marzu 2015, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23:00hrs), Gewwa Deep Water Quay, Marsa mal-wasla tieghu minn Sqallija fuq l-MV Jean de la Vallette b'vettura Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni BP-082EA:

Zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi,u cioe' Ghasafar taz-Zebbug Coccothraustes coccothraustes; Ekri Carduelis spinus; Gojjini Carduelis cannabina ; Apparelli Serinus serinus u Vrieden Carduelis chloris; Sponsuni Fringilla coelebs kontra id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghatajt il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izzomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe', cioe' Ghasafar taz-Zebbug Coccothraustes coccothraustes; Ekri Carduelis spinus; Gojjini Carduelis cannabina ; Apparelli Serinus serinus u Vrieden Carduelis chloris; Sponsuni Fringilla coelebs; meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, biegh, garr ghall-bejgh, zamm, ghall-bejgh jew offra ghal-bejgh ghasafar hajjin jew mejtin jew parti li tista' tingharaf ta' xi ghasfur li hi mharsa taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) u cioe', cioe' Ghasafar taz-Zebbug Coccothraustes coccothraustes; Ekri Carduelis spinus; Gojjini Carduelis cannabina; Apparelli Serinus serinus u Vrieden Carduelis chloris; Sponsuni

Fringilla coelebs; u dan bi ksur ta' regolament 6 (1) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal dak iz-zmien li kellu fil-pussess tieghu il-kampjuni ta' ghasafar regolati permezz ta' regolament 6 (1) tal-A.L. 79 tal-2006, dawk il-permessi, certifikati u dokumenti ohra kollha li jkunu ta' prova ghas-sodisfazzjon ta' l-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolament 6 (3) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm jew qafel xi ghasafar u cioe' cioe' Ghasafar taz-Zebbug Coccothraustes coccothraustes; Ekri Carduelis spinus; Gojjini Carduelis cannabina ; Apparelli Serinus serinus  u Vrieden Carduelis chloris; Sponsuni Fringilla coelebs; f'xi gagga jew recipjent iehor li kien izghar mid-daqs stabbilit mir-regolamenti dwar qafas regolatorju relevanti ghad-deroga li tippermetti l-insib ghal dik l-ispeci, u cioe' ta' daqs izghar minn 190mm tul, 130mm wisa' u 120mm gholi stabbilit taht ir-Regolamenti Dwar Qafas biex Tigi Permessa Deroga li tiftah l-Istagun fil-Harifa Ghall-Insib tal-Ghasafar tal-Ghana (regolament 7 (u) tal-L.S. 504.124) u dan bi ksur ta' regolament 20 (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Fuq talba tal-kummisarju tat-taxxa talli 16 ta’ Marzu 2015, ġewwa *Deep Water Quay*, mal-wasla tiegħu f’Malta minn Sqallija, mal-*Catamaran* ‘Jean De la Vallette’**,** bil-vettura tal- b'vettura Fiat Seicento  bin-numru ta' registrazzjoni BP-082EA, xjentement, daħħal f’Malta kwantita` ta’ għasafar tal-għana kif deskritt hawn taħt.

Dawn l-għasafar instabu wara tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija fl-imsemmija vettura:

Deskrizjoni:

| | |
|---|---|
| 300 HAWFINCHES (TAZ-ZEBBUĠ) | €6000 |
| 302 SERINS (APPARELL) | €3020 |
| 218 GREENFINCH (VERDUN) | €2180 |
| 6 LINNETS (GOJJIN) | €60 |
| 6 SISKIN (EKRU) | €120 |
| 1 CHAFFINCH (SPONSUN) | €15 |

Dawn l-għasafar, li d-dħul tagħhom f'Malta huwa pprojbit u/jew ristrett, għandhom Valur totali ta' € 11,395.00; Dazju xejn, Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li tammonta għal € 2,051.10 u dan bi ksur tal-Artikli 60 (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i), 68 (1), 69 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn l-għasafar u l-vettura inqabdu bin-Noti ta' Qbid 48/2015 u 49/2015 rispettivament.

Minħabba l-fatt, li dawn l-għasafar in kwestjoni huma soġġetti wkoll għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (il-VAT), għaldaqstant, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni dwar proċeduri oħra separati li jistgħu jittieħdu mid-Dipartiment konċernat fil-konfront ta' Pasquale Repaci, ai termini tal-Kap 406, tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 (3) tal-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi

u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall- perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena skont il-ligi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, inkluz il-vettura b'vettura Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni BP-082EA li serviet jew li kien mahsub li sservi sabiex isir id-delitt, u dan  bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tar- regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-ligijiet ta' Malta, u Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Marzu, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, 6(1) tal-A.L. 79 ta' l-2006, 6(3) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, 20(a) tal-A.L. 79 tal-2006, 60(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i), 68(1), 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kolllha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' elfejn Euro (€2000) ghal-ewwel hames imputazzjonijiet; multa ta' sitt mitt Euro (€600) ghas-sitt imputazzjoni, terz ta' liema multa (cioe l-ammont ta' €200) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u jithallas lid-Direttur Generali tad-Dwana u tikkundannah 12 –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti esebiti u cioe l-ghasafar u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BPO82EA tal-ghamla Fiat 600 favur id-Direttur Generali (Dwana).

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**